MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 407/2011

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Bartolo)**
**Vs**
**Mark-Joseph sive Mark Mangion**
**Marlene (Maria Carmela) sive Marlene Mangion**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellati Mark-Joseph sive Mark Mangion [detentur tal-karta tal-identita` numru 211367M] u Marlene (Maria Carmela) sive Marlene Mangion {detentrici tal-karta tal-identita` numru 47568M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

Mark-Joseph sive Mark Mangion wahdu akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul il-perjodu ta' bejn is-16 ta' Lulju 2001 u ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-

istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a) Bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, liema ezazzjoni kontra l-ligi saret b'theddid jew abbuz ta' awtorita'.

b) Fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bhala Ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li għalihom huwa ma għandux jedd, liema skop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l- offerta kien sabiex bhala ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

c) Finalment qed jigi akkuzat talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi.

U Marlene (Maria Carmela) sive Marlene Mangion wahidha akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn is-16 ta' Lulju 2001 u ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a) Xjentement ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti ġew ippreparati jew ikkunsmati, b'dan li l-awtur tal-istess delitti, bħala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala impjegata tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellha kemm jekk ma kelliex jedd li tesigi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tagħha, jew akkont tal-Gvern jew ta'

stabbiliment pubbliku illi taħt il-libsa tal-kariga tagħha, esiġiet dak li l-ligi ma tippermettix jew izjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, liema eżazzjoni kontra l-ligi saret b'theddid jew b'abbuż ta' awtorita'.

b) Fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi xjentement għenet jew assistiet lill-awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti gew ippreparati jew ikkunsmati b'dan li l-awtur tal-istess delitti, f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn is-16 ta' Lulju 2001 u xhur ta' qabel din id-data, bhala uffiċjal jewi mpjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tagħha, irceviet jew accettat ghaliha jew ghal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta xi vantagg iehor, li għalihom huwa ma kellhiex jedd, liema skop tal-hlas tal-wegħda jew ta' offerta kien sabiex bħala uffiċjal jew impjegat tagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li tagħmel .

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru, 2011, li biha, ddikjarat lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement illiberathom mill-istess imputazzjonijiet.

3. Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 ta' Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellati hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

4. Fliet l-atti kollha processwali.

5. Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

6. Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti u cioe':-

7. Illi fis-6 t'Ottubru, 2011 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali **għamlet apprezzament żbaljat u rraġjonevoli tal-provi miġbura.**

8. Illi l-esponent Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(c) tal-Kap. 9.

9. Illi l-esponent ma jaqbel assolutament xejn bil-mod kif l-Ewwel Qorti ddecidiet dan il-kaz partikolarment meta skartat kompletament ix-xhieda u l-provi tal-prosekuzzjoni u emmnet in toto dak li qal l-imputat appellat Mark Mangion kemm fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija u kemm meta xehed viva voce fil-Qorti.  Dan qed jinghad ghaliex fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti tat hafna importanza lil certu aspetti li fl-umli fehma ta' l-esponent huma marginali jew m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kaz odjern u dan minghajr ma dahlet fi provi ohra li gabet il-prosekuzzjoni li jwaslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront taz-zewg appellati.

10. Illi dan il-kaz beda meta l-Onorevoli Charles Buhagiar ipprezenta cekk fil-Parlament f'April 2002 liema cekk irrizulta li nghata lilu minn Carmelo Bonnici bhala prova ta' korruzzjoni fi hdan id-dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Carmelo Bonnici dejjem sostna kemm mal-Pulizija kif ukoll meta xehed fl-Ewwel Qorti (a fol 105 et seq) li lill-appellat kien jafu bhala engineer fid-dipartiment tad-drenagg u li kien jaghtih xogholijiet meta kienet tinqala' xi emergenza (direct orders).  Ta' dawn ix-xogholijiet Carmelo Bonnici kien jithallas mil-Gvern pero` wara li jkun iffirmalu l-appellat.  Carmelo Bonnici kien konsistenti u koerenti ferm meta cehed quddiem l-Ewwel Qorti ghaliex dejjem sostna li effettivament l-appellat Mark Mangion kien jitolbu flus sabiex jaghtih dan ix-xoghol ta' direct orders.

11. A fol. 106 dan ix-xhud jghid hekk :-

***Ngħid illi fis-sena 2001 l-imputat Mark Mangion kien ġie jitlobni biex nagħtih xi flus sabiex ikompli jgħaddili l-pagamenti.  Hu kien qalli dan id-diskors fuq il-lant tax-xoghol.  L-imputat kien jitlobni biex naghtih il-flus u jien kont naghtih il-flus.  Kien jigi wara l-bieb***

***tad-dar tieghi ghal dawn il-flus. Huwa kien jitlobni l-flus biex jghaddili l-pagamenti ha nkun nista' nithallas. Huwa kien jghidli li ma kienx ser jaghtuni flus iktar jekk ma naghtihx dawn il-flus.........***

***Jien tajt lill-imputat il-flus f'zewg okkażjonijiet u kull darba tajtu mitejn lira Maltin (200). Jiena effettwajt dawn il-hlasijiet lill-imputat permezz ta' zewg (2) ċeks. Bejn l-ewwel pagament u t-tieni pagament għaddiet kwistjoni ta' xhur. Ic-ċekkijiet kienu maħrugin mill-Bank of Valletta u naf li ssarfu.***

12. Din hija il-qofol taghha l-verzjoni ta' kif graw l-affarijiet skond Carmelo Bonnici kemm meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll meta gie mitkellem mil-Pulizija dwar dan il-kaz. Din il-verzjoni dejjem baqghet l-istess. U dan kollu gie kkorroborat ukoll mit-tifel tieghu Mark Bonnici. Pero` fl-umli fehma ta' l-esponent l-aqwa prova f'kaz bhala dan huma c-cekkijiet innifishom esebiti a fol. 72 tal-process. Stranament l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ddecidiet li taghmel elenku shih ta' raġunijiet sabiex tiskredita kompletament x-xhieda ta' Carmelo Bonnici izda fis-sentenza ftit li xejn jissemmew dawn ic-cekkijiet u ghalfejn dawn kellhom jinghataw minn Carmelo Bonnici lill-appellat Mark Mangion.

13. Il-prosekuzzjoni ppruvat li c-cekkijiet in kwistjoni nhargu minn Carmelo Bonnici tant li hargu mil-kont bankarju tieghu u cioe` kont numru 13503749017. Jirrizulta wkoll li dawn ic-cekkijiet gew imsarfa mil-mara tal-appellat u cioe` l-appellata Marlene Mangion. Fil-fatt dan kollu gie kkonfermat mir-rapprezentanti tal-Bank of Valletta plc. F'dan is-sens huwa importanti ferm dak li xehed Antoine Sciberras a fol. 46 et seq. fejn fir-rigward tac-cekk numru 1432 jikkonferma li hu ittimbrah, li fuq wara jaghraf il-kitba tieghu u li kien cekk pagabbli lil Marlene Mangion bin-numru ta' identita` 47568(m). Dan ix-xhud jghid ukoll li hu jkun kiteb id-dettalji ndikati ghaliex ikunu inghataw lilu mil-persuna li tkun giet ipprezentat ic-cekk sabiex dan jissarraf jew jigi depozitat. Allura m'hemm l-ebda dubju li fil-fatt dan ic-cekk in kwistjoni gie mahrug minn Carmelo Bonnici u gie imsarraf mill-

appellata Marlene Mangion, tant hu hekk li hemm id-dettalji taghha fuq l-istess cekk.  Wiehed ghalhekk jistaqsi imma ghalfejn Carmelo Bonnici kellu johrog cekk pagabbli lil Marlene Mangion?  X'kien l-iskop ta' dan it-trasferiment ta' flus li effettivament sehh bejn Bonnici u Mangion? Dwar dan kollu l-Ewwel Qorti ma ssemmi assolutament xejn.

14. Illi minflok l-Ewwel Qorti dehrilha li m'għandhiex temmen lil Carmelo Bonnici ghas-segwenti ragunijiet :

1. Il-komportament tax-xhud mhux dejjem kien koerenti u kien jidher mhux komdu.  Illi bir-rispett kollu l-esponent jghid li x-xhud kien koerenti u konsistenti hafna tant li dejjem ta l-istess verzjoni.  Certament li wiehed jixhed u ma jidhirx komdu hija kwazi in-norma fil-Qrati taghna imma b'daqshekk ma jfissirx li m'ghandekx temmnu.

2. Inkonsistenzi riskontrati fix-xhieda tieghu li gew kontradetti minn provi ohra bhal per ezempju meta jghid li mar jaghmel rapport lill-Pulizija mentri l-investigazzjonijiet tal-Pulizija bdew wara l-allegazzjonijiet tal-Perit Charles Buhagiar fil-Parlament.  Illi b'umilta l-esponent jghid li l-Ewwel Qorti hawnhekk m'ghandiex ragun.  Carmelo Bonnici fil-kontro ezami jghid car u tond *"Jiena dwar dawn l-affarijiet, l-ewwel mort nghid lil Perit Charles Buhagiar u wara mort nghid lill-Pulizija.  Jiena kont mort il-Ministeru tax-Xogholijiet u mbaghad baghtu ghalija l-Pulizija biex nghidilhom dak li kont ghidt lill-Ministeru".*  F'dan il-kaz ta' min wiehed japprezza li kien Carmelo Bonnici stess li ddecieda li jqajjem din il-kwistjoni billi mar jghid lil Perit Charles Buhagiar.  Carmelo Bonnici kien il-persuna li volontarjament inkrimina ruhu sabiex jirraporta dak li effettivament kien qed jigri fid-Dipartiment tad-Drenagg.  Tant li Carmelo Bonnici gie mressaq il-Qorti in konnessjoni ma dan il-kaz, ammetta u nghata piena skond il-ligi.  Il-kunsiderazzjoni li ssemmi l-Ewwel Qorti mijiex wahda valida sabiex ma temminix xhud ghax ffis-sustanza li effettivament sar dan it-trasferiment ta' flus gie ppruvat u kkonfermat minn Carmelo Bonnici.  Hawnhekk m'ghandiex sitwazzjoni fejn xhud ta diversi verzjonijiet.

3. Carmelo Bonnici qal illi huwa ceda ghat-talbiet tal-flus maghmula mill-imputat biss wara li dan waqqaflu l-pagament ta’ LM3,000 izda mill-provi rrizulta mod iehor u din l-alleggazzjoni ma treggix. Illi l-esponent ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti waslet biex taghmel konsiderazzjoni bhal din meta fix-xhieda ta’ Carmelo Bonnici dan ma jghidx li huwa ceda ghat-talbiet ta’ l-appellat wara li waqqaflu l-pagament ta’ LM3,000 u t-time frame ta’ meta gara dan mijiex cara.

4. Carmelo Bonnici sostna li wieħed miċ-ċekkijiet kitbu l-appellat Mark Mangion stess mentri mir-relazzjoni ta’ Dr. Anthony Abela Medici din ma tirrizultax. Anki jekk huwa veru li Dr. Abela Medici kkonkluda li fuq ic-cekkijiet m’hemmx kitba ta’ Mark Mangion, l-istess espert jgħid li fil-kitba hemm “characteristic features in both sets of documents which are identical and which are very likely to have been made by the same author” b’referenza għall-analiżi komparattiva bejn il-kitba ta’ Marlene Mangion u l-kitba u l-firem fiċ-ċekk. Fil-fatt il-prosekuzzjoni qegħda ssostni li f’dan il-kaz il-persuna li effettivament sarrfet dawn ic-cekkijiet kienet propju Marlene Mangion.

5. Illi l-hames u s-sitt ragunijiet għalfejn l-Ewwel Qorti m’emmnitx lil Carmelo Bonnici huma relatati ma każ li m’għandu x’jaqsam xejn mal-proceduri odjerni u cioe` l-Pulizija vs Vincent Cilia 27/01/2004. Illi l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li Carmelo Bonnici għamel dawn l-allegazzjonijiet bħala tpattija għaliex Mark Mangion xehed bil-mod kif xehed fil-proċeduri kontra Vince Cilia. Bir-rispett kollu l-esponent jargumenta li huwa żbaljat min-naħa tal-Qorti li tistrieħ fuq kaz separat u distint u li m’ghandu x’jaqsam xejn mal-kaz in kwistjoni. Wiehed ghandu jiggudika u jiddeċiedi dan il-każ fuq il-fatti partikolari tieghu. Mill-process bl-ebda mod ma hareg li Carmelo Bonnici sahansitra ried ipattiha lil Mark Mangion. Il-każ ta’ Vince Cilia huwa każ ieħor u l-Ewwel Qorti żbaljat meta għamlet referenza għalih. Li ħareġ mill-proċess hu li Carmelo Bonnici inkrimina lilu nnifsu billi rraporta li hareg zewg cekkijiet lil Mark Mangion fuq insistenza tal-istess Mark Mangion tax-xogħol li kien

jagħtih u li dawn iċ-ċekkijiet ġew imsarrfa minn Marlene Mangion.

Ikkonsidrat

**Is-sottomissjoni tad-difiża dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni waqt it-trattazzjoni.**

15. Li waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, id-difiża ssottomettiet li l-imputazzjonijiet kontra l-appellat huma preskritti.

16. Din is-sottomissjoni kienet saret ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti kienet tat provvediment fit-30 t'April, 2010 li bih hija ċaħdet din l-eċċezzjoni (fol 198 et). Mill-atti jirriżulta li t-taħrika kienet ikkunsinnata lill-appellat fit-13 ta' Lulju 2006. L-istqarrija kienet saret fl-4 ta' Mejju 2002 waqt li r-rapport fit-Times deher fit-30 t'April, 2002.

17. Iċ-cheques ippreżentati a fol 72 għandhom dawn id-dettalji: id-data 24 ta' Mejju 2001 u t-timbru tal-Bank of Valletta 25 ta' Mejju 2001. L-isem Marlene Mangion, l-ammont Lm200 u l-ID Card Number 47568 (M); u id-data 11 ta' Lulju 2001 u t-timbru tas-16 ta' Lulju 2001 kif ukoll l-isem ta' Marlene Mangion u l-ID Card Number 47568(M). It-tnejn inġibdu mill-kont 13503749017 u tidher il-firma Bonnici fuq it-tnejn. Fuq il-counterfoils taż-żewġ ċekkijiet jidher l-isem Mark Mangion.

18. Skont l-artikolu 692 tal-Kap 9:

'Iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf.'

Dan l-artikolu l-aħħar li ġie emendat kien fis-sena 1900.

19. Skont il-każ deċiż mill-Imħallef William Harding fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Mikiel Agius' (3 ta' Frar 1947),

'Id-dispożizzjoni 692 ma hix applikabbli meta l-ħati jibqa' mhux magħruf jew għaliex dak li bi ħsara tiegħu sar id-

delitt ikun wera nuqqas kolpevoli ta' viġilanza biex jiskorpri l-ħati jew għaliex tkun uriet nuqqas dan in-nuqqas kolpevoli l-Pulizija**; imma tibqa' applikabbli meta l-ħati jkun mhux magħruf f'sens ġenerali u objettiv.' (enfasi ta' din il-Qorti).**

20. F'dan il-każ ma kienx possibbli għall-Pulizija Esekuttiva li tkun taf bil-każ qabel ma deher referenza għalih f'gazzetta lokali. Dan kien fit-30 t'April, 2002. Jekk wieħed jikkonsidra l-artikolu 18 tal-Kap 9 bil-prospett ta' żieda ta' żewġ gradi, allura preskrizzjoni ma setgħetx tiskadi qabel is-sena 2007. Hawn il-Qorti qed tirreferi għal żewġ sentenzi li jsegwu din id-dottrina dwar ir-relazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kap 9 mal-preskrizzjoni:

21. Fis-sentenza oħra tal-10 ta' Mejju 2000, fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Joseph Borg' tal-10 ta' Mejju, 2000, il-Qorti qalet hekk:

'Iż-żieda fil-piena stabbilita bl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għandha tittieħed in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe' sabiex jiġi determinat taħt liema wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 688 għandu jiġi kkonsidrat id-delitt in kwistjoni. Infatti l-artikolu 689 jgħid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wieħed m'għandux jieħu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi ż-żmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skużi jew ċirkostanzi attenwanti ; u (b) żieda fil-piena minħabba r-reċidiva. Iż-żieda fil-piena minħabba l-kontinwat mhix imsemmija f'dan l-artikolu 689.

22. Fil-liġi tagħna r-reat kontinwat, li kien mudellat fuq l-artikolu 79 tal-Codice Zanardelli, hu meqjus bħala forma sui generis ta' konkors ta' reati, bil-partikolarita' li d-diversi reati jitqiesu bħala reat wieħed.

23. Il-Liġi Taljana viġenti tittratta b'mod ferm differenti r-reat kontinwat għall-fini tal-preskrizzjoni u dan minħabba dispożizzjonijiet ta' liġi li ma għandhom ebda riskontru fil-Liġi tagħna.'

24. Dis-sentenza tal-10 ta' Mejju 2000 segwiet is-sentenza tal-4 ta' Novembru 1976 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Grazio Zerafa' li kienet sostniet li ż-żieda fil-piena stabbilita fl-artikolu 18 tal-Kap 9 għandha tittieħed in konsiderazzjoni.'[1]

25. Ġaladarba l-Pulizija ma setgħux ikunu jafu li seħħew l-allegati reati qabel it-30 t'April, 2002, isewgi li l-preskrizzjoni ma setgħetx timxi qabel din id-data. Allura l-preskrizzjoni kienet tgħaddi fl-1 ta' Mejju 2007 waqt li l-appellat kien notifikat fit-13 ta' Lulju 2006.

26. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-imputazzjonijiet li kienu dedotti kontra l-appellat mhumiex preskritti.

**L-aggravju tal-Avukat Ġenerali**

27. Minkejja li l-Avukat Ġenerali juża l-kelma 'aggravji', filfatt huwa għandu aggravju wieħed li jaqsmu f'ħames sottomissjonijiet. Dawn kollha jistgħu jinġabru f'aggravju wieħed – li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzamment żbaljat tal-fatti.

28. Dwar it-tali aggravju intqal kemm-il darba li din il-Qorti ma tiddisturbax sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din setgħet legalment u raġjonevolment tasal gal tali konklużjoni.

29. Il-Qorti reġgħet għarblet il-fatti.

30. Fliet bir-reqqa r-rapport ta'Dr Anthony Abela Medici li kien tqabbad mill-Pulizija sabiex jagħmel tqabbil bejn kitba bl-idejn u firma li tidher fid-dokumenti 1 u 2 mal-bqiaj tad-dokumenti. Huwa kien iddeċieda kif ġej:

*'Documents 5, 7, and 8 were clearly documents involving the handwriting of Engineer Mark Mangion. These were scanned and repdouced in the attached comparison sheet*

[1] Ara wkoll is-sentenza 'Il-Pulizija versus Carmel Vella' tas-6 ta' Jannar 2012 – Qorti tal-Appell Kriminali.

*in confrontation with documents 1 and 2. The result of such comparisons, despite the fact that documents 1 and 2 are photocopies of the originals, are that in my opinion, the handwriting and signature on documents 1 and 2 were not made by Engineer Mark Mangion.*
*Documents 3, 4 and 6 contained a number of entries the great majority of whcih were clearly written by the same author and are characteristic of the handwriting features of a female. Comparative studies between handwritings on these documents with the words 'Marlene Mangion' and the signature of 'Marlene Mangion' as well as the ID card on document 2 showed that there are characteristic features in both sets which are identical and in my opinion are very likely to have been made by the same author. The one reservation I make is that document 2 is composed of photocopies and this would leave and thsi would leave a slight element of doubt in a court appointed expert.' (fol 23)*[2]*.*

31. Rat id-dokumenti a fol 27 u 72. Dwar dawn id-dokumenti l-Avukat Ġenerali għamel aċċenn speċjali. Rat ukoll il-counterfoil bid-data 11 ta' Lulju 2001 bl-ammont indikat ta' Lm200 u bl-isem 'Marck Mangon'. Din il-counterfoil iġġib in-numru 001476. Iċ-Cheque tal-11 ta' Lulju 2001 iġib ukoll in-numru 001476. In-numru tal-kont huwa 13503749017. Iċ-cheque jidher li għandu l-indirizz 'Triq is-Siniskalk Zejtun' iffirmat minn Bonnici u jidher ukoll li huwa 'joint account' bejn Mr C and Mrs T Bonnici. Il-payee hija Marlene Magion. Huwa ffirmat minn persuna li jisimha Marlene Mangion u li għandha n-numru tal-karta tal-identita' 47568(M) mill-Bank of Valletta tal-Imqabba fis-16 ta' Lulju 2001.

32. Iċ-cheque l-ieħor huwa datat 24 ta' Mejju 2001, il-payee hija Marlene Mangion, l-ammont huwa ta' mitejn lira Maltija, iċ-cheque huwa ffirmat minn persuna li isimha huwa Bonnici, l-indirizz huwa Triq is-Siniskalk, Żejtun. Kien ecashed mill-Bank of Valletta fl-Imqabba fil-25 ta' Mejju, 2001 minn xi ħadd li jismu Marlene Mangion u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 47568(M). Iċ-cheque

[2] Ikkonfermat minn Dr Anthony Abela Medici a fol 40.

għandu n-numru 1432 u l-counterfoil għandha d-data 24 ta' Mejju 2001, għandha ammont t' Lm200, in-number huwa 1432 u l-isem tal-payee fuq il-counterfoil huwa Murk Mangion.

33. Ix-xhud Carmelo Bonnici għaraf dawn iċ-ċekkijiet waqt ix-xhieda tiegħu.

34. Xehed Antoine Agius, ħaddiem tal-Bank of Valletta fis-26 t'April 2007.[3] Dan għaraf il-kitba tiegħu fuq in-naħa ta' wara taċ-cheque 1432. Dan kien pagabbli lil Marlene Mangion u fuq wara hemm il-firma tagħha. Huwa kien niżżel dawn id-detallji għaliex kienu ngħataw lilu mill-persuna li tkun ġiet ippreżentat iċ-cheque biex jissarraf. Dan ifisser li c-cheque ikun ġie depożitat jew issarraf. Huwa qal ukoll li lill-klijenta in kwistjoni ma jagħrafhiex u li jiftakar biss minn dokumenti u kitba.

35. Xehdet ukoll Rebecca Axiaq[4] li qalet li fis-sea 2001 hija kienet taħdem fil-fergħa tal-Bank of Valletta ġewwa l-Imqabba u kienet tokkupa l-kariga ta' kaxxiera.Hija qalet li huma ma jiffirmawx fuq i-ttimbru aluura anki jekk tkun murija l-oriġanali hija ma tkunx f'pożizzjoni li tagħti aktar informazzjoni.

**Stqarrija ta' Marlene Mangion**

36. Bħalma kellha kull dritt li tagħmel, is-sinjura Marlene Mangion għażlet li ma tirrispondix. [5]

**Stqarrija ta' Mark Mangion**

37. Is-sur Mark Mangion spjega li huwa kien Senior Engineer fis-Sewage Treatment Plant. Meta tinqala' emerġenza huma kienu jqabbdu il xi persuna tal-esperjenza sabiex tagħmel it-twissjiet malajr. Kellhom tnejn min-nies li kienu effiċjenti u danw kienu s-sur Charles Bonnici u d-ditta E and S Mifsud. Huwa qal li ma kien jaf xejn dwar ic-ċekkijiet u li qatt ma kienu ġew f'idejh.

---

[3] Fol 46 - 47
[4] Fol.48 et.
[5] Fol 29 et.

Huwa qal li martu qatt ma qaltlu b'dawn iċ-ċekkijiet u li ma qaltlux jekk kinux imsarrfin minnha. . Huwa ċaħad ukoll li kien inisista għal xi flus għal xi xogħol ta' tiswijiet ta' emerġenza jew li kien ingħata xi dundjani. Safejn kien jaf is-sur Mangion, is-sur Chartes Bonnici ma kellux jagħti xi flus lil martu. Is-Sur mangion kompla jgħid li ma kienx għadu apġprova xi ħlas li kellu jsir lil Charles Bonnici minħabba li kien qed jistenna li dan il-ħlas ikun approvat mill-finanzi.

**Konferma tal-Kariga.**

38. Claudine Miceli, segretarja mal-Water Services Corporation, ikkonfermat li s-sur Mark Mangion huwa impjegat bħala engineer mal-korporazzjoni. Fil-kariga tat-23 t'April 2001 huwa kien ħa l-kariga ta' senior engineer.

**Xhieda ta' Mark Bonnici.**

39. Dan xehed fl-20 ta' Lulju 2007 u qal li kien ilu jaf liż-żewġ imputati madwar sentejn u nofs. Darba kien mar għand l-appellat u tah dundjan. L-appellant kien qallu li kien ikun aħjar li kieku ġablu xi ħaġa tal-flus milli dundjan. Aktar wara kien iltaqa' mal-appellat fuq il-lant tax-xogħol u l-appellat kien qallu li biex jaħdem dan ix-xogħol ix-xhud ried jagħtih l-flus. Ix-xhud qal li kien ser jgħid lil missieru.

**Xhieda Carmelo Bonnici**

40. Dan xehed fil-25 ta' Lulju 2008. Qal li beix jitħallas għax-xogħol kien jiffirma l-appellat. Ix-xhud qal li fis-sena 2001 l-appellat Mark Mangion kien talbu jagħtih xi flus biex ikompli jgħaddilu xi pagament. Id-diskors kien sar waqt li kien fuq il-lant tax-xogħol. Kien imur wara d-dar tiegħu għal dawn il-flus. Huwa kien ta l-flus lill-imputat f'żewġ okkażjonijiet u kull darba dawn kienu jammontaw għal mitejn lira Maltija. Il-ħalsijeit saru permezz ta' żewġ ċekkijiet. Bejn l-ewwel u t-tieni pagament għaddiet kwistjoni ta' xhur. Iċ-ċekkijiet kienu maħruġin mill-Bank of Valletta u kienu ssarrfu. L-appellat kien qal biex ma jiktibx lil min kienu pagabbli. Huwa qal li l-ammonti kienu mitkubin hekk: wieħed mix-xhud u wieħed mill-appellat. Fiċ-ċekk li mela x-xhud kien kiteb ukoll id-data u l-ammont. L-ieħor kien kitbu l-appellat. Iż-żewġ ċekkijiet kienu iffirmati mix-xhud.

41. Meta kien muri l-photomage 9Dok AD1) , huwa għaraf il-firma tiegħu biss. Dwar ċ-cheque l-ieħor hwua qal l-kitba fuq iċ-cheque u l-firma kienu tiegħu, ħlief il-parti lil min hu pagabbli.

42. Fil-kontro-eżami ix-xhud qal li kien file li kellu x'jaqsam ma' xogħol li huwa għalih kienu għadu ma tħallasx. Iżda dan in-nuqqas ta' ħlas ma keinx sar minħabba ordni mill-Ministeru tal-Finanzi. Barra dan, sabiex jingħata direct order kien hemm bżonn l-approvazzjoni tad-Direttur u mhux tal-appellat. [6] Dwar dan in-nuqqa ta' ħlas kien mar għand Membru tal-Parlament u imbagħad bagħtu għalih il-Pulizija beix jispjega dak li kien mar jgħid il-Ministeru.

43. Huwa qatt ma kien iltaqa' mal-appellata Marlene Mangion.

44. Fir-ri-eżami xehed qal li l-appellat kien talbu għal flus drabi oħra qabel ma x-xhud tah iż-żewġ ċekkijiet. Ix-xhud kien irrifjuta.

45. Fit-tieni kontro-eżami huwa rrefera għax-xogħol ta' San Pawl il-Baħar. Huwa kienu bdieh u imbagħad ma kinux ħallewhom ikompluh.

## Xhieda tal-appellat

46. L-appellat xehed[7] li huwa kien responsabbli ta' diversi pumpling stations u kien responsabbli minn ħsarat ta' emerġenza f'dawk il-pumping stations li kienu jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu. L-appellat spjega li ma kellux problemai ma' Bonnici. Kien inqala' każ partikolari ġewwa San Pawl il-Baħar fil-week end ta' bejn **l-14 u l-15 ta'** Lulju 2001 fejn kellhom jitfu tliet pumping stations. Huwa kien ikkuntattja lil Carmel Bonnic (wara li l-ewwel kuntrattur ma kellux makkinarju adegwat). Dan kellu jkomplu jħaffer iżda sabu ħsar tant kbira u d-Direttur Ġenerali ddeċieda li jagħmel bypass. Il-kuntrattur Bonnici kien qal lid-Direttur li

---

[6] Fol 107.
[7] Fol 121 et.

huwa (Carmel Bonnici) ma kellux biex jagħmel dak ix-xogħol. Iżda meta Carmel Bonnici kien sab kuntrattur ieħor it-Tnejn filgħodu ma kienx ħa gost bih. Dan Carmel Bonnici kien għamel allegazzjonijiet oħra kontra persuna oħra iżda din il-persuna l-oħra kienet ħarġet liberata. L-appellat kien xehed f'dik il-kawża fit-23 t'April 2002 u ħafna mill-mistoqsijiet kienu dwar il-każ t'a San Pawl il-Baħar u fuq il-karattru tal-persuna l-oħra. Xi ħames jew sittijiet wara li ta x-xhieda kien hemm reazzjoni minn Membru Parlamentari. Imbagħad fit-3 ta' Mejju tas-sena 2002 kien arrestat. L-appellat qal li dak li kien qal Carmelo Bonncii fuqu kien gideb u li hu (l-appellat) kein dejjem aħdem tajjeb tant li kien jieħu bonus ta' 12% minn 15%. L-allegazzjonijiet parlamentari kienu saru wara li ħarġu ċ-ċekkijiet. Huwa ċaħad li qatt me kien ra ċ-ċekkijiet. Lanqas kien veru li huwa qatt ħa xi dundjani u ddeskriva din l-allegazzjoni bħala gidba F'dan il-punt huwa kkonferma l-istqarrija tiegħu. Żied jgħid li hu ma kienx żamm pagamenti[8]. L-appellat tilef diversi promotions .

47. Fil-kontro-eżami huwa qal li ċ-ċekkijiet qatt ma kien rahom u x'għamlet jew m'għamlitx martu mhux biċċa tiegħu.

Ikkonsidrat.

48. Illi l-qofol ta' dan il-każ mhux dak li ġara fi proċeduri oħra iżda x'ġara skont il-provi fl-atti ta' **dan** il-proċess u mhux x'ġara fi proċessi oħra. Fil-fatt iċ-ċitazzjoni hija arġinata għal dak li ġara **fis-16 ta' Lulju 2001 u x-xhur ta' qabel u i**ċ-ċekkijiet in kwistjoni bil-counterfoils b'kollox jirreferu għal dati ta' qabel din id-data – għall-24 ta' Mejju 2001 u għall-11 ta' Lulju 2001. Il-kwistjoni dwar ix-xogħolijiet straordinarji f'San Pawl il-Baħar inqalgħet bejn l-14 u l-15 ta' Lulju 2001 meta kien hemm emerġenza. Din id-data tiġi **wara** li ħarġu dawn iċ-ċekkijiet.

49. A fol 253, kif jirriżulta mill-appell tal-Avukat Ġenerali, il-punt li l-ewwel li saħaq fuqu kien li l-Qorti tal-Maġistrati ma

8 Fol 138.

tatx attenzjoni biżżejjed lill-parfti dokumentali. A fol 254, l-Avukat Ġenerali jissottometti hekk:

‘iżda fis-sentenza ftit li xejn jissemmew dawn iċ-ċekkijiet u għalfejn dawn kellhom jingħataw minn Carmelo Bonnici lill-appellat Mark Mangion.’

**X’qalet fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti dwar iċ-ċekkijiet**

50. Effettivament il-Qorti tal-Maġistrati kkwotat x’qal Dr Abela Medici (fol 239) waqt li f’elenku tal-fatti semmiet li Carmelo Bonnici xehed li kien għadda ċ-ċekkijiet u li għaraf l-kopji. Fil-parti tal-konsiderazzjonijiet ikkoncentrat fuq id-depożizzjoni ta’ Carmelo Bonnici u qalet li, skont Dr Anthony Abela Medici, jirriżulta li ebda kitba fuq iċ-ċekkijiet a fol 72 tal-proċess ma hija tal-imputat Mark Mangion.

51. Il-Qorti fliet id-dokumenti a fol 72 li huma fotokopji li kienu jinsabu fil-proċess kontra l-istess Carmelo Bonnici. Minn dawn jirriżulta dan li ġej:

(a) li l-payee hija Marlene Mangion;
(b) li n-numru ta’ din il-payee huwa 47568(M);
(ċ) li l-counterfoil juru l-isem Mark Mangion (bi spelling mhux eżatt);
(d) id-dati huma tal-24 ta’ Mejju 2001 u tal-11 ta’ Lulju 2001;
(e) li huma iffirmati minn xi ħadd Bonnici
(f) li ċ-ċekkijiet ittieħdu miċ-cheque book ta’ Carmelo Bonnici li joqgħod iż-Żejtun.

52. Ix-xhud Carmelo Bonnici għarafhom bħala tiegħu u li kienu ċ-ċekkijiet li kien qed jirreferi għalihom meta xehed.

53. F’dan il-każ, barra x-xhieda okulari, hawn ukoll xhieda dokumentarja. Minn din ix-xhieda jirriżultaw għadd ta’ indizji li l-Qorti ser tqis seriatim. Ibda min-numru tal-kamra tal-identita’ li huwa l-istess bħal dik ta’ waħda mill-appellati. S’issa għadha qatt ma ttellgħet prova li xi ħadd

għandu l-istess numru tal-identita' bħal ta' xi ħadd ieħor. F'dan il-każ il-prova riedet tkun doppja: li din il-persuna għandha l-istess isem u l-istess numru tal-karta tal-identita'. Imbagħad jitqies minn għand min ħarġu ċ-ċekkijiet; il-firma tal-payor; x'hemm fuq il-counterfoil; l-ammonti; l-indirizz tal-payor li huwa ċar li huwa miż-Żejtun. L-ammonti li jidhru fuq iż-żewġ ċekkijiet huma identiċi mal-ammonti msemmija mix-xhud Carmelo Bonnici. **Ma jistax ikun li jkun hemm dawn il-kumbinazzjoniet kollha f'daqqa u dawn jikkonkorru kollha fil-parametri tad-dati mogħtija fl-imputazzjonijiet.** Huwa tassew li Dr Abela Medici kkonkluda li l-kitba mhix tal-appellat iżda

(i) l-istess Abela Medici qal li hemm 'characteristic features in both sets of documents which are identical and which are very likely to have been made by the same author' u dan b'referenza għall-analiżi komparattiva bejn il-kitba ta' Marlene Mangion u l-kitba u l-firme li hemm fiċ-ċekk; u
(ii) wieħed ma jistax jinjora dawn il-fatturi kollha qishom qatt ma kienu xejn jew li jqishom biss bħala kumbinazzjoni. Lanqas ma jista' jattribwihom għal xi relazzjoni ta' kummerċ bejn mart l-appellat u Carmelo Bonnici. Carmelo Bonnici jgħid li qatt ma ra lill-appellata l-oħra.

54. Lanqas m'hija konvinta l-Qorti bl-asserzjoni li jagħmel l-appellat li huwa qatt ma ra dawn iċ-ċekkijiet jew li ma jimpurtahx x'tagħmel martu. Iċ-ċekkijiet ma jsibux ruħhom b'kumbinazzjoni f'idejn persuna li jisimha bħal mart l-appellat, għandha l-istess numru tal-karta tal-identita', huma tal-istess ammont li semma' x-xhud okulari, fil-counterfoil jidher isem l-appellat u jissarrfu minn mart l-appellat Mark Mangion. Jekk jitħaddmu -priċinpji matematiċi tal-probabbilita' għal dawn il-fatturi f'daqqa wieħed ikollu b'denominator b'figuri li ma jispiċċaw qatt.

55. Isegwi li l-Qorti qed tikkonkludi li dawn id-dokumenti jridu bil-fors jingħataw importanza kbira fl-eżami bir-reqqa tal-ħtija o meno tal-appellati. Fil-fehma tal-Qorti l-konklużjoni li jħallu hija waħda u univoka – li dawn iċ-

ċekkijiet huma l-istess li semma Carmelo Bonnici. Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-verżjoni li ta' Carmelo Bonnici hija waħda kredibbli imqar jekk l-appellat ċaħad bil-qawwa kollha li dan sar.

56. Prattikament, l-aħħar sentenza fil-paragrafu ta' qabel dan, fl-istess ħin twassal biex din il-Qorti taċċetta is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali a fol 255 u 256 sa fejn għandu x'jaqsam l-appellat Mark Mangion.

56. Din il-konlużjoni fil-paragrafu preċedenti tibdel għal kollox kif din il-Qorti għandha tħares lejn il-provi. Għal dik li hija t-tieni parti tal-aggravju Barra dan, għat-tfittxija tal-verita', mhix kwistjoni ta' motivazzjoni ta' vendetta jew ta' xi raġuni oħra. Hawn hija kwistjoni ta' x'tip ta' xhieda tinsab fil-proċess: xhieda dokumentali kumulattiva li wieħed ma jistax jinjora fl-isfond tax-xhieda li ngħatat minn Carmelo Bonnici. Il-Qorti qed iżżid li mhix tikkonsidra x-xhieda ta' Mark Bonnici minħabba ż-żmien ta' konoxxenza tal-appellat li ta dan ix-xhud. Ukoll jekk dan nesa li kien qed jixhed ħafna żmien wara li sar il-każ.

57. Dwar is-sottomissjonijiet dwar xi ineżatezzi, il-Qorti qed tiddeċiedi li mhux kull ineżattezza li tingħata f'xhieda ġġib fix-xejn dik ix-xhieda. Dan intqal diversi drabi minn dil-Qorti diversament preseduta u hekk jiddettahulek is-sens komun.

58. F'dan il-proċess l-istorja ta' Carmelo Bonnici għandha x'jikkorroborha u ħadd ma allega li dawn id-dokumenti ma kinux ammissibbli. U din il-Qorti, bħall-Ewwel Onorabbli Qorti, qed issibhom ammissibbli wkoll.

58. Lanqas ma hija aċċettabbli s-sottomissjoni li fi proċeduri oħra x-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni instab li ma kienx attendibbli. Huwa dak li hemm bħala provi f'dan il-proċess li għandu jgħodd. Il-provi fi proċess ieħor jista' ma jkollhomx l-istess elementi bħala prova li jinsabu f'dan il-proċess

59. Il-Qorti qed tiddeċiedi limill-provi prodotti::

Fil-konfront ta’ Mark-Joseph sive mark Mangion
(i) li huwa taħt il-libsa tal-kariga tiegħu huwa esiġa dak li l-liġi ma tippermettix għax ma kellux dritt li jitlob flus għax-xogħol li kien qed jingħata Carmelo Bonnici u għalhekk huwa ħati tal-ewwel imputazzjoni;

(ii) li mhux ħati tat-tieni imputazzjonihuwa rċieva rigal li ma kellux jedd għalih biex jagħmel dak li hu fid-dmri tiegħu li jagħmel u qed tilliberah minnha;

(iii) U mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u dan għaliex ma kinitx parti mid-dmir tal-appellat li jissorvelja li ma jsirx dak li sar. (Ara dwar l-applikabilita’ o meno tal-artikolu 141 ‘Il-Pulizija vs Alexander Zammit et’ (a fol 127 13 ta’ Marzu 1998 p127 VOL LXXXII 1998 Part IV) u għalhekk qed tilliberah minnha wkoll.

Fil-konfront ta’ Marlene (Maria Carmela) sive Marlene Mangion, il-Qorti qed tiddeċiedi li xjentement għanet lill-awtur jew awturi biex iseħħu l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha. L-artikolu 42 tal-Kap 9 japplika x’ikun qed iseħħ qabel jew waqt ir-reat. Għalhekk il-Qorti qed tikkonferma d-deċiżjoni tal- Ewwel Onorabbli Qorti vis a vis din l-appellata.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 112, 115, 141 u 533 fil-konfront tal-appellat Mark-Joseph sive Mark Mangion u l-artikoli 18, 112, 115, 120, 42, 43 u 533 fil-konfront ta’ Marlene (Maria Carmela) sive Marlene Mangion qed tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fit-30 ta’ Settembru 2011 billi waqt li qed tikkonfermaha fejn illiberat lil Marlene (Maria Carmela) sive Marlene Mangion minn kull ħtija u fejn illiberat lill-appellat Mark-Joseph sive Mark Mangion mit-tieni u tat-tielet**

**imputazzjoni u qed tirriformaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Joseph sive Mark Mangion mill-ewwel imputazzjoni u qed issibu ħati tagħha iżda, wara li (a) ikkonsidrat is-sottomissjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni a fol 216 fejn qalet li hija m'hi qed titlob xejn partikolari; (b) il-fedina netta tal-appellat Joseph sive Mark Mangion; (ċ) il-fatt li l-Pulizija damu ma bdew il-proċeduri kontrih; (d) l-ammont żgħir involut qed tiddeċiedi li flok tikkundanna lill-appellat tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar mil-lum. Fil-fehma tal-Qorti, wara li ħadet iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma jidhirx li għandha tapplika l-artikolu 140 tal-Kap 9.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------